MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-12 ta' April, 2011

Avviz Numru. 55/2011

**EMD Advisory Services Limited**

**Vs**

**International Agency Facilities Limited**

## Il-Qorti:-

Rat ir-rikors prezentat fir-registru ta’ din il-Qorti nhar il-25 ta’ Frar 2010, permezz ta’ liema l-kumpanija attrici talbet lill-Qorti tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallasha s-somma ta’ hamest elef tmien mija wiehed u sittin Ewro w tlieta w tletin centesmu (EURO 5,861.33) rapprezentanti ammont dovut mis-socjeta’ konvenuta lis-socjeta’ attrici bhala hlas ta’ taxxi fuq il-Valur Mizjud wara li tali hlas sar mis-socjeta’ attrici fuq inkarigu tal-istess socjeta’ konvenuta (vide kopja tal-ittra mibghuta lill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud mis-socjeta’ attrici annessa w immarkata bhala Dok A.

Illi sal-gurnata ta’ llum is-socjeta’ konvenuta baqghet inadempjenti ghall-hlas ta’ tali pagament u ghalhekk l-ammont ghadu dovut sa llum.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-mandat ta’ sekwestru pprezentat kontestawalment u bl-imghax legali mid-data ta’ meta sar il-hlas in kwistjoni lill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta’ konvenuta li hija ingunta in subizzjoni.

Rat illi s-socjeta’ konvenuta kienet debitament notifikata skond riferta posittiva tal-Marixxal Saviour Falzon datata 15 ta’ Marzu  2011 a fol. 16 tergo tal-process.

Illi fis-seduta tas-6 t’April 2011 is-socjeta’ attrici pprezentat kapitolu fil-konfront tas-socjeta’ konvenuta.

Rat illi fis-seduta tas-6 t’April 2011 is-socjeta’ konvenuta giet imsejha izda ma dehritx, la biex tikkontesta t-talba rikorrenti w lanqas biex tirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tas-socjeta’ attrici tghid li d-debitu ghadu dovut, issib li t-talba tas-socjeta’ rikorrenti  tirrizulta gustifikata w timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa’ t-talba rikorrenti w tikkundanna lis-socjeta’ ntimata thallas lis-socjeta’ rikorrenti s-somma ta’ hamest elef tmien mija wiehed u sittin Ewro w tlieta w tletin centesmu (€5,861.33) ghar-ragunijiet indikati fir-rikors, bl-imghaxijiet legali skond il-ligi.**

**Bl-ispejjez kontra s-socjeta’ konvenuta kif mitluba fir-rikors promotur.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------